MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 136/2003

**Ballut Blocks Services Limited**

**vs**

**Michael Galea**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Is-somma ta’ Lm570.27 mitluba permezz ta’ dan l-Avviz tirrapprezenta bilanc ta’ prezz ta’ concrete panels mibjugha u konsenjati lill-konvenut mis-socjeta’ attrici.

Il-konvenut minkejja li gie interpellat diversi drabi, anki permezz ta’ ittra ufficjali datata 12 ta’ Novembru 2002, baqa’ inadempjenti u ma hallasx.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 12 ta’ Novembru 2002, u tal-mandat ta’ sekwestru

kontestwalment prezentat, u bl-imghaxijiet legali mid-19 ta’ Frar 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra r-risposta:

“Jeccepixxi bil-qima:-

Illi t-talbiet attrici qed jigu kkontestati bhala nfondati fid-dritt u fil-fatt.

1. Illi fl-ewwel lok hija ta’ ostakolu ghat-talbiet attrici l-eccezzjoni tan-nuqqas ta’ adempiment ta’ l-obbligi kuntrattwali da parti tas-socjeta’ attrici. L-esponenti rrifjuta li jhallas il-kont mitlub mill-attrici u dan peress li l-concrete panels issupliti ma kienux konformi ma’ l-istruzzjonijiet moghtija minnu u partikolarment skond il-qisien minnu mehuda fuq il-post.

2. Illi l-esponenti kellu jidhol fi spejjez sostanzjali sabiex jirrimedja in-nuqqas ta’ l-attrici. Kellu jordna materjal iehor, jispostja l-concrete panels li twahhlu minnha kif ukoll jinkariga bennej ghal dan ix-xoghol rimedjali.

3. Illi eventwalment l-esponenti hallas biss parti mill-kont mitlub. Il-bilanc mitlub f’dan l-avviz huwa ekwivalenti ghall-ispejjez li l-esponenti kellu jidhol fihom sabiex irrimedja x-xoghol hazin li sar mis-socjeta’ attrici.

Illi ghalhekk m’hu dovut li jsir l-ebda hlas iehor lill-attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.”

Sema’ l-provi u s-sottomissjonijiet tal-avukat tas-socjeta’ attrici;

Ikkunsidra:

Illi l-esitu ta’ din l-azzjoni jiddependi minn jekk in-negozju jigix ikkunsidrat bhala bejgh jew bhala appalt.

Jekk jigi kkunsidrat bhala bejgh, l-eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tirnexxi, ghar-ragunijiet segwenti:

Jidher li l-konvenut qieghed jakkampa d-difiza tieghu minhabba li l-planki mibjugha u kkunsinnati lilu ma kinux tal-wisa’ mehtiega ghall-post fejn riedu jintuzaw. Fi kliem iehor kienu difformi minn dak previst ghal dak li jirrigwarda l-integrita’ u l-adegwatezza taghhom in relazzjoni mal-funzjoni intiza. Tali nuqqas igib certament l-inidoneita’ tal-uzu li jista’ jitqies kemm essenzjali kif ukoll sostanzjali, kif hekk jidher li hu akkolt mill-gurisprudenza bhala kwalifika tal-oggett vendut[1].

F’kaz li l-prodott ikun jiddifetta ghal dak li hi kwalita’ l-ligi tittutela l-interessi tax-xerrej billi takkordalu l-azzjoni dixxiplinata fl-artiklu 1390 tal-Kodici Civili. Din hi l-azzjoni ghar-rizoluzzjoni tal-bejgh minhabba inadempjenza bazata fuq il-principju generali *inademplendi non est ademplendum* u fuq il-patt kommissorju tacitu tipiku ghall-kuntratti bilaterali kollha (art 1068 Kodici Civili)[2].

Illi huwa indiskutibbli anke ghaliex ormai hu daqstant iehor pacifiku, illi d-dritt rizervat mil-ligi lill-kumpratur bl-artiklu 1390 msemmi jista’ jigi ezercitat per via di eccezione[3]. Imma gie diversi drabi deciz mill-Qrati taghna li l-perjodu ta’ sentejn stabbilit bl-artiklu 1407(1) tal-Kodici Civili huwa perjodu ta’ dekadenza bir-rizultat li jekk il-kumpratur jonqos li jezercita d-dritt moghti lilu bl-artilu 1390 kontra l-venditur fi zmien sentejn ma jistax jezercita l-istess dritt per via di azione u anqas per eccezione wara li jkun iddekorra t-terminu[4]. Gie drabi ohra ritenut li l-massima *temporalia ad agendum sunt perpetua ad excipiendum*

[1] XXXI.i.678; Charles Spiteri et vs Associated Supplies Ltd – Qorti tal-Appell- Onor P Sciberras 20.10.2003
[2] Dennis Farrugia et vs Joseph Dimech pro et noe – Appell, P Sciberras – 25.02.2004
[3] William Portelli nomine vs Paul M Laferla – Appell Kummercjali 08.05.1939- Kollezz Vol XXX.i.751; Emanuel Borg vs John Xuereb – Appell Civili 25.01.1989 u Nazzareno Cauchi noe vs Joseph Baldacchino – Appell, 07.10.1997; Andrew Camilleri et vs Daniel E Sayles – Prim’Awla – Onor P Sciberras – 27.06.2003
[4] Emanuel Borg vs John Xuereb – 25.01.1989 – Appell Civili – LXXIII.ii.260

ma tistax tapplika fil-kaz in ispecie ghaliex l-artiklu (934 tal-Ord VII .1868) gie dejjem interpretat bhala applikabbli biss fil-kaz ta' nullitajiet testwali li jissuccedu ipso iure[5]. It-terminu ta' sentejn, li jekk dan in-negozju huwa bejgh huwa fatali ghall-konvenut, ghadda billi l-konsenja saret fit-28 ta' Frar 2001 filwaqt li l-eccezzjoni tal-konvenut saret fil-11 ta' Frar 2004.

Jekk min-naha l-ohra n-negozju huwa wiehed ta' appalt, allura l-eccezzjoni tal-konvenut fuq imsemmija tista' tigi kkunsidrata, ghax ma japplikawx il-limitazzjonijiet precitati applikabbli ghall-kuntratt tal-bejgh. Il-konvenut, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jiccita lil *Anthony Marcel Pace Axiaq noe vs Joseph Camilleri et* – Prim' Awla, Onor P Sciberras, 28.01.2004. Ghall-korrettezza, din il-kawza ma titrattax dwar aluminium imma dwar sett tal-ghamara tal-kcina tal-*oak.* Il-Qorti ghamlet studju approfondit dwar id-distinzjoni, spiss difficli, bejn il-kuntratt ta' bejgh u dak tal-appalt, u kkonkludiet li n-negozju kien wiehed t'appalt. Hija ghamlet ukoll rassenja majjistrali tad-dottrina u gurisprudenza f' dan ir-rigward. It-Tribunal jaghmel riferenza ghall-istess a skans ta' ripetizzjoni inutili. A bazi tal-istess, it-Tribunal, wara li haseb fit-tul, gie ghall-konkluzjoni li n-negozju mertu ta' din il-kawza kien wiehed t'appalt, u mhux ta' bejgh. Dan billi l-planki ma jaqghux fl-ordinarja produzzjoni tas-socjeta' attrici izda tikkonsisti minn opra voluta skond specifikazzjonijiet voluti mill-konvenut: il-planki ma jigux iffabrikati *en masse* imma jigu maghmulin wahda wahda bil-qies preciz rikjest ghall-post fejn ikunu sejrin jitpoggew, u l-klijent jitlob li jkunu tali li jifilhu l-piz partikolari tal-bini li jkun sejjer jinbena fuqhom. Tant huwa hekk li anke l-istess planki ordnati ma kinux kollha tal-istess daqs imma kienu wahda icken mill-ohra biex ikunu jistghu jaqblu mal-konfigurazzjoni tal-post fejn tpoggew. Kien ikun bejgh kieku l-planki jigu prodotti *en masse*, imbaghad isirulhom semplici modifiki sekondarji biex jaddottaw ruhhom ghall-esigenzi tal-klijent (Qorti tal-Kassazzjoni Nru 8445 tas-sena 2000 iccitata fis-sentenza msemmija tal-Prim' Awla).

[5] Francia vs Vassallo 30.06.1930 – Prim'Awla ; Edward Vincenti noe vs Carmelo Mazzitelli – 29.03.1941 – Appell, XXXI.i.678 – Imhallef W Harding

Ma hemmx dubbju li l-planki li gew ikkunsinnati ma kinux tal-qies volut, u illi l-izball kien attribwibbli lis-socjeta' attrici li kejlet hi fuq il-post. U li l-konvenut ghamel minn kollox sabiex jimminimizza d-danni. Ra kif uza' l-planki minflok baghthom kollha lura. L-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa bilanc tal-prezz tal-istess planki li ma giex imhallas proprju ghax kien l-ammont ta' spejjez inkorsi mill-konvenut sabiex jaghmel tajjeb ghan-nuqqas tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici, bl-ispejjez a kariku taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------